

Brussell, 18 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14749/22

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0047(COD)

---

LIMITE

TELECOM 457  
COMPET 897  
MI 821  
DATAPROTECT 312  
JAI 1464  
JUSTCIV 148  
PI 155  
CODEC 1742

## NOTA

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14740/22
Nru dok. Cion:	6596/22
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (l-Att dwar id-Data) - Rapport ta' progress

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (l-Att dwar id-Data) fit-23 ta' Frar 2022<sup>1</sup>. Wara l-Att dwar il-Governanza tad-Data, dan huwa t-tieni minn sett ta' miżuri ppreżentati mill-Kummissjoni, kif imħabbar fl-Istrateġija Ewropea għad-Data tal-2020<sup>2</sup>. Din hija biċċa leġiżlazzjoni orizzontali, li mistennija tiġi kkomplementata dalwaqt b'dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur.

---

<sup>1</sup> dok. 6596/22.

<sup>2</sup> [COM/2020/66 final](#).

2. L-objettivi prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, huma li tiġi żgurata l-ġustizzja fl-allokazzjoni tal-valur mid-data fost l-atturi fl-ekonomija tad-data u biex jitrawwem l-aċċess għad-data u l-użu tagħha. B'mod aktar speċifiku, il-proposta għal Att dwar id-Data għandha l-għan li tiffaċilita l-aċċess għad-data u l-użu tagħha mill-konsumaturi u n-negozji billi żżid iċ-ċertezza legali madwar il-kondiviżjoni tad-data ġġenerata mill-użu ta' prodotti (pereżempju, oġġetti tal-Internet tal-Oġġetti), li tistabbilixxi regoli li jiżguraw kuntratti ġusti għall-kondiviżjoni tad-data u li tipprevedi l-użu ta' data miżmuma minn negozji f'sitwazzjonijiet fejn hemm ħtieġa eċċezzjonali minn korpi tas-settur pubbliku. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tiffaċilita l-qlib bejn il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, tistabbilixxi salvagwardji kontra l-aċċess internazzjonali tal-gvern illegali u t-trasferiment illegali tad-data mhux personali barra l-UE u tipprevedi l-iżvilupp ta' standards tal-interoperabbiltà għall-użu mill-ġdid tad-data bejn is-setturi.
3. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) inġatar bħala l-kumitat responsabbli għan-negozjati dwar l-Att dwar id-Data. Ir-Rapporteur, il-Membri tal-Parlament Ewropew Pilar Del Castillo Vera (PPE, Spanja) ippubblikat l-Abbozz ta' Rapport tagħha fl-14 ta' Settembru 2022. Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) huma assoċjati. Il-votazzjoni finali fil-Parlament Ewropew hija ppjanata għal Marzu 2023.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>3</sup> u l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni<sup>4</sup> ġew mitluba jipprovdu l-opinjoni tagħhom dwar il-proposta. Dawn ġew ippreżentati fil-15 ta' Ġunju 2022 u fit-22 ta' Ġunju 2022, rispettivament.
5. Fil-5 ta' Mejju 2022, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ħarġu opinjoni konġunta dwar il-proposta<sup>5</sup>.

---

<sup>3</sup> [CES0850/2022](#)

<sup>4</sup> [CDR1959/2022](#)

<sup>5</sup> Opinjoni Konġunta tal-EDPB-EDPS [02/2022](#)

6. Il-Bank Ċentrali Ewropew ħareġ opinjoni dwar il-proposta fil-5 ta' Settembru 2022, fuq inizjattiva tiegħu stess<sup>6</sup>.
7. Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ħareġ opinjoni dwar il-proposta fl-20 ta' Lulju 2022, fuq inizjattiva tiegħu stess<sup>7</sup>.

## II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

8. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta sar mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni (minn hawn 'il quddiem: Grupp ta' Ħidma TELECOM). Il-Grupp ta' Ħidma TELECOM beda jiddiskuti l-proposta f'Marzu 2022, taħt il-Presidenza Franċiża. Wara preżentazzjoni dettaljata tal-proposta u tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha mill-Kummissjoni, id-delegazzjonijiet kellhom skambju bikri ta' fehmiet dwar il-biċċa l-kbira tal-aspetti tal-proposta. Il-Presidenza Franċiża lestiet l-ewwel qari tal-proposta tal-Att dwar id-Data fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM fit-3 ta' Mejju 2022.
9. Minbarra l-ħidma mwettqa fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM, il-Presidenza Franċiża organizzat tliet sessjonijiet ta' ħidma bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u esperti mill-bliet kapitali. Is-sessjonijiet ta' ħidma pprovdew opportunità biex jiġu indirizzati mistoqsijiet u talbiet speċifiċi għal kjarifiki, filwaqt li ppermettew interazzjoni diretta bejn l-esperti bbażati fl-ibliet kapitali u l-Kummissjoni.

---

<sup>6</sup> [ĠU C 402 19.10.2022, p. 0005](#)

<sup>7</sup> [Opinjoni ta' Livell Għoli tal-BEREC dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Att dwar id-Data](#)

10. Fil-25 ta' Mejju 2022, il-Presidenza Franċiża talbet lill-Istati Membri jagħtu s-suġġerimenti inizjali tagħhom għall-abbozzar u l-kummenti bil-miktub tagħhom dwar it-test kollu tal-proposta sal-15 ta' Ġunju 2022.
11. Abbażi tal-kontribut tal-Istati Membri, il-Presidenza Ċeka abbozzat l-ewwel test ta' kompromess, li ġie ppreżentat fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM fid-19 ta' Lulju, il-5 u l-15 ta' Settembru 2022. Il-bidliet proposti kellhom l-għan li jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' livell għoli li ġejjin li jibqgħu fil-qalba tad-diskussjonijiet fil-Kunsill:
- a) **Kamp ta' applikazzjoni**: minn naħa waħda, ġiet stabbilita rabta aktar ċara bejn it-tipi differenti ta' data u l-kapitoli speċifiċi li jkopruhom (kamp ta' applikazzjoni materjali). Min-naħa l-oħra, ġiet imsaħħa ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali, b'mod partikolari l-limitazzjoni għall-utenti fl-Unjoni.
  - b) **Definizzjonijiet**: żdiedu diversi definizzjonijiet biex it-test jiġi allinjat mal-Att dwar il-Governanza tad-Data ("data personali", "data mhux personali", "kunsens" u "suġġett tad-data") jew biex jiġu ċċarati kunċetti ewlenin bħal "klijent", "assi diġitali", "fuq il-post" u "operaturi fi spazji tad-data". Oħrajn ġew irfinati, fejn possibbli, għalkemm f'xi każijiet għad irid jiġi deċiż jekk definizzjonijiet ġodda tal-istess termini humiex ġustifikati jew jekk ir-ritorn għad-definizzjonijiet eżistenti jkunx għażla aktar xierqa.
  - c) **Interazzjoni mal-leġislazzjoni orizzontali u settorjali eżistenti**: saru emendi fit-test kollu bil-għan li tiġi indirizzata r-relazzjoni bejn il-proposta tal-Att dwar id-Data ma' leġislazzjoni rilevanti oħra, bħar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), il-Moviment Liberu ta' Data mhux Personali u l-Att dwar il-Governanza tad-Data. Dawn il-bidliet huma relatati, pereżempju, mar-rwol tad-diversi bordijiet stabbiliti skont ir-regolamenti differenti u mal-kompetenza tal-korpi nazzjonali maħtura meta jissorveljaw każijiet li jaqgħu simultanjament taħt ir-reġimi differenti.

d) **Kondiviżjoni tad-data min-negozji għall-gvern (B2G) abbażi ta' hteġa eċċezzjonali**: kemm id-dispożizzjonijiet kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu V ġew definiti aħjar, biex jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u jiġi previst fehim aktar ċar tal-kuntest ta' "hteġa eċċezzjonali" kif ukoll il-kunċetti ta' "emerġenza pubblika" u "interess pubbliku". Flimkien ma' garanziji addizzjonali li jikkonċernaw, pereżempju, id-data magħmula disponibbli mill-korpi tas-settur pubbliku lil partijiet terzi jew talbiet li jinvolvu data personali, l-għan huwa li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tal-B2G.

e) **Qlib bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data**: għadd ta' emendi indirizzaw l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, li ma għandhomx jipprevjenu lill-konsumaturi milli jaqilbu u jittrasferixxu d-data kollha tagħhom. Tali obbligi jikkonċernaw, pereżempju, it-tneħħija ta' ostakli li jxekklu lill-klijenti milli jżommu l-ekwivalenza funzjonali jew id-dritt tal-klijenti għal livell għoli ta' sigurtà matul il-proċess kollu tat-trasferiment.

12. Wara skambju rikk mad-delegazzjonijiet u b'kont meħud tal-kontribut orali u bil-miktub addizzjonali tal-Istati Membri, il-Presidenza Ċeka abbozzat it-tieni proposta ta' kompromess. Id-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM bdiet fis-27 ta' Ottubru u l-ewwel kopriet delineazzjoni ulterjuri tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u definizzjonijiet ġodda, bħal "statistika uffiċjali" u "korpi tal-Unjoni".

13. Id-diskussjoni mbagħad iffukat fuq il-kunċett li għadu kif ġie introdott ta' "data faċilment disponibbli" u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali. Ingħatat attenzjoni partikolari biex jiġi ċċarat il-mekkaniżmu ta' "kumpens raġonevoli" għad-detentur tad-data biex jagħmel id-data disponibbli. Termini kuntrattwali inġusti, il-kamp ta' applikazzjoni aktar ristrett tad-dispożizzjonijiet relatati mal-B2G, il-kondizzjonijiet għal xenarji fejn il-hteġa eċċezzjonali għal data ma tkunx ibbażata jew konnessa ma' emerġenza pubblika u t-talbiet għal data għal finijiet statistiċi ġew koperti wkoll. Id-delegazzjonijiet kellhom ukoll skambju ta' fehmiet dwar data separata ta' applikazzjoni għal dispożizzjonijiet relatati mal-obbligi tad-disinn.

14. L-analiżi tat-tieni proposta ta' kompromess kompliet fit-8 ta' Novembru 2022. L-emendi proposti kellhom l-għan li jagħmlu d-dispożizzjoni dwar il-qlib effettiv aktar ċara u applikabbli b'mod aktar wiesa', b'mod partikolari permezz ta' estensjoni possibbli tal-perjodu ta' notifika ta' 30 jum għat-terminazzjoni tal-kuntratt mill-utent għal xahrejn u billi jiġi definit aħjar il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi tekniċi tal-qlib. Id-delegazzjonijiet setgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom ukoll dwar salvagwardja ġdida kontra t-telf possibbli ta' data matul il-proċess ta' trasferiment u xi żidiet biex tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà, bħal referenza speċifika għal reġistru online ta' standards u speċifikazzjonijiet miftuħa ta' interoperabbiltà.
15. Kwistjonijiet oħra koperti jinkludu: ir-rwol, il-kompiti u l-interazzjonijiet possibbli bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali differenti, il-kunċett ta' spazji komuni Ewropej tad-data u diversi aġġustamenti addizzjonali biex jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet mal-GDPR u l-Att dwar il-Governanza tad-Data.
16. Sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet tekniċi persistenti, fil-15 ta' Novembru 2022 il-Presidenza Ċeka organizzat sessjoni ta' ħidma online bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u esperti mill-bliet kapitali. Is-sessjoni ta' ħidma kienet maħsuba biex tindirizza każijiet ta' użu speċifiku ta' kondiviżjoni ta' data mhux personali skont il-Kapitoli II u III tal-Att dwar id-Data. Barra minn hekk, fl-istess jum saret laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM waranofsinar sabiex jiġu diskussi għadd ta' suġġetti addizzjonali fejn kienu meħtieġa aktar kjarifiki, b'mod partikolari fir-rigward tal-interazzjoni bejn l-Att dwar id-Data u leġislazzjoni oħra (GDPR, l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza l-ġdid(SMEI), l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika). Matul il-laqgħa xi delegazzjonijiet indikaw li għad hemm bżonn ta' aktar riflessjoni dwar ċerti aspetti tal-proposta, b'mod partikolari sabiex jiġi ċċarat liema prodotti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu II.
17. Wara l-introduzzjoni tat-tieni test ta' kompromess, il-Presidenza Ċeka stabbiliet skadenza għal kontribuzzjonijiet addizzjonali bil-miktub sat-18 ta' Novembru 2022. Abbażi tal-kontribut tal-Istati Membri u b'kont meħud tal-iskambju fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM, il-Presidenza Ċeka ser tfejji t-tielet test ta' kompromess u ser tikkunsidra jekk it-test jistax ikun il-bażi għall-mandat tal-Coreper.

### III. KONKLUŻJONI

Il-COERPER huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Preidenza, bil-ħsieb li jippreżentah lill-Kunsill Telekomunikazzjoni (TTE) fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2022.

---